



Dokument ta' sessjoni

B8-0266/2017

4.4.2017

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar in-negozjati dwar ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Mercosur

Sophie Montel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar in-negozjati dwar ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Mercosur

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni Ewropea kellha tiffaċċja mobilizzazzjoni mingħajr preċedent kontra l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Kanada (li xorta għe adottat) jew mal-Istati Uniti;
- B. billi l-mobilizzazzjoni taċ-ċittadini lejn l-Istati Uniti proprju wasslet għall-paralizzazzjoni tas-Sħubija Trans-Paċifika (TPP) u tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP);
- C. billi, madankollu, minkejja dan, l-UE qed tħejji ruħha biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi tal-Mercosur: l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj, l-Urugwaj, il-Venezwela, u dalwaqt il-Bolivja;
- D. billi, barra minn hekk, 43 % tal-esportazzjonijiet tal-pajjiżi tal-Mercosur huma prodotti agrikoli; billi, għalhekk, l-azjendi agrikoli Franċiżi, li huma diġà fraġli minħabba l-politiki Ewropej, se jkunu vittmi kbar ta' dan il-ftehim ġdid ta' kummerċ ħieles b'żona kbira immens ta' madwar 300 miljun abitant;
- E. billi, fl-aħħar mill-aħħar, il-bdiewa tagħna mhux se jkunu jistgħu jikkompetu b'mod xieraq meta jiġu ffaċċjati bil-kompetizzjoni tal-pajjiżi tal-Amerika Latina;
- 1. Jitlob lill-Kummissjoni tirrinunzja għal kwalunkwe diskussjoni mal-Mercosur bil-ħsieb tal-iffirmar ta' ftehim ta' kummerċ ħieles.